MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 83/2007

**Perit Joseph Xuereb (karta ta’ l-identita` numru 108728 (M)) u martu Dolores Xuereb (karta ta’ l-identita` numru 6882235 (M)) ghal kull interess li jista’ ghandha**

**vs**
**Registratur tal-Qorti**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat il-25 ta’ Jannar, 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi fis-6 ta’ Jannar, 2007, il-perit rikorrenti kien notifikat b’ittra ufficjali prezentata min Dr. Hugh Peralta fit-28 ta’ Dicembru, 2006, li maghha kien hemm annessa taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti

rigwardanti spejjez gudizzjarji relatati mal-kawza fl-ismijiet Perit Arkitett Joseph Xuereb et vs Alexandra Borg Olivier et nomine (Citazzjoni Numru 1412/95) deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 t'Ottubru, 2001;

1.2 Illi r-rikorrenti qed jikkontestaw it-taxxa mahruga mill-intimat;

1.3 Illi dan qed isir ghaliex fost affarijiet ohra it-taxxa mahruga tipprovdi ghall-hlas tal-ispejjez ghal hames (5) darbiet ghal kull konvenut kontra dak preskritt mill-artiklu 32 (b) tat-Tariffa E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.4 Illi *di piu`*, hemm ukoll il-htiega li ssir ritassazzjoni in kwantu s-sentenza moghtija;

1.4.1. Mill-ewwel qorti fil-5 t'Ottubru, 1998, ordnat li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet; u

1.4.2. Mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 t'Ottubru, 2001, ordnat li l-ispejjez tal-appell principali jaghmlu tajjeb ghalihom l-esponenti filwaqt li l-ispejjez tal-appell incidentali jkunu a karigu tal-intimati;

1.5. Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-qorti biex:

1.5.1. Thassar it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti *a tenur* tal-artiklu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.5.2. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-8 ta' Marzu, 2007, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm esposta, ordnat il-kancellament tal-kawza a spejjez tar-rikorrenti, (ara fol 43);

3. Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat il-21 ta' Marzu, 2007, li permezz tieghu ghar-ragunijiet premessi talbu li d-digriet indikat fil-paragrafu precedenti jigi revokat *contrario imperio*, (ara fol 44);

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-22 ta’ Mejju, 2007, li ghar-raguni hemm esposta cahdet it-talba tar-rikorrenti indikata fil-paragrafu precedenti, (ara fol 45);

5. Illi nonostante l-kancellazzjoni hawn riferita rat il-verbal datat it-13 ta’ Mejju, 2010, fejn gie rilevat li l-intimat kien ghadu mhux notifikat bir-rikors promotur u l-kawza kienet differita ghan-notifika tal-intimat u giet differita ghall-kontinwazzjoni, (ara fol 46 u anke 87);

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-2 ta’ Novembru, 2010, li permezz tieghu appuntat assistent gudizzjarju (ara fol 88);

7. Rat l-ordni t’assenjazzjoni datat l-10 ta’ Jannar, 2013, li permezz tieghu din il-kawza kienet assenjata lil din il-qorti kif preseduta;

8. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta’ Jannar, 2013, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzathom jitrattaw il-kaz odjern bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 159);

9. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivament datati t-8 t’April, u l-24 ta’ Mejju, 2013, (ara fol 160 u 169);

10. Ezaminat ix-xhieda prodotta *in atti* flimkien ma’ l-affidavidijiet ipprezentati;

11. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi minn ezami tal-process ma jistghux ma jsirux is-segwenti rimarki:

12.1. Illi hu ovvju li r-rikostruzzjoni tal-process li kien mitluf ghal perjodu konsiderevoli ma tistax tinghad li hi kompleta;

12.2. Illi di fatti jirrizulta s-segwenti:

12.2.1. Illi r-rikors promotur la hu guramentat u lanqas fih dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f'paragrafi enumerati separatament, sabiex isahhah it-talba tieghu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment *a tenur* ta' l-artiklu 156 (1) tal-Kap 12, (ara fol 1 *et sequitur*);

12.2.2.Illi *di piu`* lanqas jirrizultaw il-kliem espressament rikjesti mill-artiklu 156 (d) tal-istess Kap fuq indikat, (ara fol 6);

12.3. Illi jirrizulta wkoll li hemm diversi verbali neqsin senjatament bejn id-digriet moghti fit-22 ta' Mejju, 2007, u l-verbal datat it-13 ta' Mejju, 2010, fejn jirrizulta ghalhekk li hemm vojt ta' tlett (3) snin shah;

Ikkunsidrat:

13. Illi nonostante dawn il-problemi kollha kemm il-partijiet kif ukoll l-abbli rapprezentanti taghhom jidhru li kienu *ben* konxji taghhom stante li l-prezenza taghhom fil-fazi konklussiva tal-process kienet kemm assidwa kif ukoll iffokata;

14. Illi ghalhekk fid-dawl tal-principju li procedura ghandha tigi salvata kemm –il darba l-problemi riskontrati kienu gia` a konjizzjoni tal-partijiet li nonostante cio` insistew bil-kontinwazzjoni tal-procedura, din il-qorti thoss li ghandha ssalva din il-procedura nonostante l-konfuzjoni processwali riskontrata, u dan, biex ma ddahhalx lill-partijiet fi spejjez ulterjuri u f'dilungar processwali inutili meta tikkonsidra li l-vertenza originali taf il-bidu taghha tal-anqas mill-1995, (ara fol 17);

Ikkunsidrat:

15. Illi l-vertenza odjerna essenzjalment tirrigwarda kontestazzjoni ta' taxxa mahruga mid-Direttur Qrati Civili u Tribunali wara l-kawza fl-ismijiet Perit Arkitett Joseph

Xuereb et vs Alexandra Borg Olivier et nomine (Citazzjoni Numru 1412/95) deciza mill-Qorti ta' l-Appell, fil-5 t'Ottubru, 2001, li nharget mill-imsemmi Direttur fil-21 ta' Novembru, 2001, (ara fol 100 *et sequitur* u fol 152 *et sequitur*);

16. Illi fit-taxxa msemmija fil-paragrafu precedenti gie ntaxxat id-dritt shih ta' kull parti involuta fil-kawza, inkluzi hames (5) konvenuti li pprezentaw erba' noti tal-eccezzjonijiet separati, (ara fol 153);

17. Illi a bazi tax-xhieda ta' Manwel Sciriha ghad-Direttur *de quo*, jirrizulta li l-eccezzjonijiet fuq riferiti kienu identici u pprezentati u ffirmati mill-istess avukat, (ara fol 153);

18. Illi l-istess xhud indikat fil-paragrafu precedenti jikkonferma bil-gurament li f'dan ir-rigward m'hemm xejn specifikat fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara fol 153) kif il-partijiet ghandhom jigu intaxxati f'kazijiet simili;

19. Illi irrizulta li l-Assistent Registratur li kien hareg it-taxxa *a tempo vergine* kien deherlu li ghandu johrog d-dritt ghal kull nota ta' l-eccezzjonijiet ghalkemm din kienet l-istess wahda fl-erba' kazijiet in dizamina u iffirmata mill-istess avukat;

20. Illi irrizulta pero` li wara li r-rikorrenti kien mar jipprotesta ghand l-istess Assistent Registratur dan kien kiteb fuq l-istess taxxa li t-taxxa li kien hareg qabel kienet qed tigi irtirata u hareg ohra gdida datata s-6 ta' Frar, 2002, fejn din id-darba d-dritt tal-avukat inghata lill-attur u konvenut wiehed, (ara fol 153 u 104);

Ikkunsidrat:

21. Illi a skans ta' dilungar inutili, qieghda taghmel referenza ghal dik il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti li telenka kronologikament l-espozizzjoni fattwali tal-*iter* processwali in dizamina u in vista tal-istess qed tiddikjara li t-termini statutorjament rikjest ghall-impunjar ta' taxxa gie osservat, (ara fol 161 sa 163);

Ikkunsidrat:

22. Illi meta l-Assistent Registratur *a sua sponte* qabad u varja t-taxxa semplicement ghaliex parti wahda gibditlu l-attenzjoni li t-taxxa precedentement rilaxxata setghet ma tkunx vera riflessjoni tal-verita`, hi ammissjoni tal-fatt li t-taxxa in dizamina tippekka fil-precizjoni;

23. Illi *di piu`* meta biddel l-istess taxxa minghajr ma ghamel konsultazzjoni aktar wiesgha mal-partijiet kollha li setghu kellhom interess, ta vantagg indebitu lil dik il-parti li marret ghandu tikkontesta it-taxxa minnu rilaxxata;

24. Illi ghaldaqstant ghandu jkun pacifiku li dan l-agir tal-Assistent Registratur jikkostitwixxi vantagg indebitu li min mar jipprotesta ghandu fil-maghluq u min seta' anke ghamel pressjoni indebita ulterjuri fuqu permezz ta' amplifikar indebitu fil-mezzi ta' komunikazzjoni li ghalhekk ikkontamina ir-rettezza rikjesta fl-operat tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;

25. Illi *di piu`*, tiehu l-opportunita` tissollecita b'umilta` lil min hu responsabbli biex dan l-aspett tal-amministrazzjoni tal-gustizzja jaghtih aktar importanza u konsiderazzjoni billi ma jhallix generikament fir-responsabbilita` ta' min qieghed illum jesperixxi dan l-oneru izda minflok johloq korp zghir ta' impjegati verament imharrga u specjalizzati f'dan il-qasam partikolari biex b'hekk jittaffa anke il-piz indebitu ta' min illum hu akkollat b'dan l-oneru minghajr it-tahrig dovut biex jesperixxi tali inkarigu hekk delikat;

**DECIDE:**

26.0. Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti tqis li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u filwaqt li tirrespingi r-risposti tal-intimat, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

26.1. Thassar it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti, illum Direttur Qrati Civili u Tribunali *a tenur* tal-artiklu 64 tal-Kap 12 fuq riferit;

26.2. Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat fuq riferit.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------